# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża C-274/14**

**Proċedura mibdija minn Banco de Santander SA**

(talba għal deċiżjoni preliminari,
imressqa mit-Tribunal Económico-Administrativo Central)

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-21 ta' Jannar 2020**

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Kunċett ta' 'qorti nazzjonali' – Kriterji – Indipendenza tal-organu nazzjonali kkonċernat – Irremovabbiltà tal-membri – Inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari"

1. *Domandi preliminari – Talba mressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja – Qorti nazzjonali fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE – Kunċett – Tribunal Económico-Administrativo Central (Spanja) – Esklużjoni*
   *(Artikolu 267 TFUE)*

   (ara l-punti 51 sa 77)

2. *Domandi preliminari – Talba mressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja – Qorti nazzjonali fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE – Kunċett – Kriterju ta' indipendenza – Status tal-membri tal-organu nazzjonali kkonċernat – Rekwiżit ta' irremovabbiltà – Portata*
   *(Artikolu 267 TFUE)*

   (ara l-punti 58 sa 60, 64 sa 71)

3. *Domandi preliminari – Talba mressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja – Qorti nazzjonali fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE – Kunċett – Kriterju ta' indipendenza – Imparzjalità – Kunċett*
   *(Artikolu 267 TFUE)*

   (ara l-punti 61 sa 63, 72 sa 77)

4. *Dritt tal-Unjoni – Supremazija – Dritt nazzjonali kuntrarju – Għajnuna mogħtija mill-Istati – Organu nazzjonali stabbilit mil-liġi sabiex jieħu konjizzjoni ta' lmenti fil-qasam fiskali – Obbligu li ma tiġix applikata l-leġiżlazzjoni nazzjonali mhux konformi mad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li għandhom effett dirett*
   *(Artikolu 108(3) TFUE)*

   (ara l-punt 78)

5. *Stati Membri – Obbligi – Stabbiliment tar-rimedji ġudizzjarji neċessarji sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Neċessità li tiġi żgurata l-effettività tal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari u l-unità ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti kompetenza deċiżjonali esklużiva lil istanza li ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità – Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà – Eżistenza ta' rimedji ġudizzjarji kontra d-deċiżjonijiet ta' tali istanza*
*(Artikolu 267 TFUE)*

(ara l-punt 79)

**Sunt**

Fis-sentenza Banco de Santander (C-274/14), mogħtija fil-21 ta' Jannar 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja, iddeċidiet li talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Económico-Administrativo Central (il-Qorti Fiskali Ċentrali, Spanja) (iktar 'il quddiem l-"organu tar-rinviju") kienet inammissibbli minħabba li dan l-organu ma kienx jissodisfa l-kriterju ta' indipendenza meħtieġ sabiex ikun jista' jiġi kklassifikat bħala "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

It-talba għal deċiżjoni preliminari indirizzata lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-organu tar-rinviju kienet tirrigwarda essenzjalment l-interpretazzjoni u l-validità ta' deċiżjonijiet suċċessivi adottati mill-Kummissjoni [1] fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat fir-rigward tas-sistema Spanjola ta' amortizzazzjoni fiskali tal-avvjament finanzjarju fil-każ ta' akkwisti ta' ishma barranin. Il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita b'din it-talba fil-kuntest ta' proċedura bejn Banco de Santander u l-Inspección Financiera (l-Ispettorat tal-Finanzi, Spanja) dwar it-tnaqqis tal-avvjament li jirriżulta mill-akkwist minn dan il-bank tal-ishma kollha ta' kumpannija holding irregolata mid-dritt Ġermaniż. Skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, huwa l-organu tar-rinviju li għandu jieħu konjizzjoni tal-ilmenti kontra deċiżjonijiet meħuda minn ċerti awtoritajiet fiskali ċentrali, fosthom dak ikkonċernat f'dan il-każ, kif ukoll, bħala organu tal-appell, ċerti deċiżjonijiet adottati mit-Tribunales Económico-Administrativos (il-Qrati Fiskali), li l-ġurisdizzjoni territorjali tagħhom hija limitata. Awla speċjali tal-organu tar-rinviju ħadet konjizzjoni ta' appelli straordinarji għall-unifikazzjoni tal-ġurisprudenza li huwa biss id-Direttur Ġenerali tat-Taxxi tal-Ministeru għall-Ekonomija u għall-Finanzi li jista' jintroduċihom, jekk ikun il-każ.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kien hemm lok, preliminarjament, li jiġi eżaminat, fid-dawl tal-aħħar żviluppi tal-ġurisprudenza tagħha [2], jekk l-organu tar-rinviju kienx jaqa' taħt il-klassifikazzjoni ta' "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret qabel kollox li din il-klassifikazzjoni timplika, b'mod partikolari, li l-organu tar-rinviju jissodisfa l-kriterju ta' indipendenza. Fil-fatt, l-indipendenza tal-qrati nazzjonali responsabbli mill-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja li tinkorpora l-mekkaniżmu tar-rinviju għal

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/5/KE tat-28 ta' Ottubru 2009 dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C-45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU 2011, L 7, p. 48); Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/282/UE tat-12 ta' Jannar 2011 dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin Nru C-45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU 2011, L 135, p. 1); u Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/314 tal-15 ta' Ottubru 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.35550 (13/C) (ex 13/NN) (ex 12/CP) implimentata minn Spanja – Skema għall-amortizzazzjoni tat-taxxa ta' avvjament finanzjarju għall-akkwist ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji barranin (ĠU 2015, L 56, p. 38).

[2] Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet b'mod partikolari għas-sentenzi tas-16 ta' Frar 2017, Margarit Panicello (C-503/15, EU:C:2017:126); tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117); u tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531).

deċiżjoni preliminari previst fl-Artikolu 267 TFUE u dan il-mekkaniżmu jista' jiġi attivat biss minn istanza responsabbli għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li tissodisfa, b'mod partikolari, dan il-kriterju ta' indipendenza.

F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-aspett estern tal-kunċett ta' "indipendenza", il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dan jirrikjedi li l-organu kkonċernat jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'awtonomija sħiħa, mingħajr ma jkun suġġett għal ebda rabta ġerarkika jew issuġġettar u mingħajr ma jirċievi ordnijiet jew istruzzjonijiet, li jimplika b'mod partikolari d-determinazzjoni tal-każijiet ta' revoka tal-membri tiegħu permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi espressi li joffru garanziji li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-prinċipju ta' irremovabbiltà inerenti għall-indipendenza tal-imħallfin. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-membri tal-organu tar-rinviju jistgħu jiġu rrevokati b'digriet irjali adottat fil-Kunsill tal-Ministri, fuq proposta tal-Ministru għall-Ekonomija u għall-Finanzi, mingħajr ma din is-sistema ta' revoka tkun irregolata minn leġiżlazzjoni partikolari, b'tali mod li dawn il-membri ma jibbenefikawx minn garanziji oħra minbarra dawk previsti mir-regoli ġenerali tad-dritt amministrattiv.

F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, l-aspett intern tal-kunċett ta' "indipendenza", il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dan jingħaqad mal-kunċett ta' "imparzjalità", li jirrikjedi l-osservanza tal-oġġettività u l-assenza ta' kull interess fis-soluzzjoni tat-tilwima lil hinn mill-applikazzjoni stretta tad-dispożizzjoni legali. Mifhum b'dan il-mod, il-kunċett ta' "indipendenza" jimplika li l-organu kkonċernat ikollu l-kwalità ta' "terz" fir-rigward tal-awtorità li adottat id-deċiżjoni kkontestata. Issa, il-karatteristiċi tal-appell straordinarju li jista' jiġi ppreżentat, quddiem awla speċjali tal-organu tar-rinviju, kontra d-deċiżjonijiet ta' dan l-organu, ma jippermettux li jiġi kkunsidrat li dan tal-aħħar għandu l-kwalità ta' "terz" fir-rigward tal-interessi li jkun affrontat bihom. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, b'mod partikolari, li l-introduzzjoni ta' tali appell tappartjeni esklużivament lid-Direttur Ġenerali tat-Taxxi tal-Ministeru għall-Ekonomija u għall-Finanzi, li ser jagħmel parti mill-kompożizzjoni tal-kulleġġ ġudikanti li għandu jieħu konjizzjoni ta' dan l-appell, bħad-Direttur Ġenerali jew bħad-Direttur tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni tat-Taxxa li taħtu jaqa' l-organu li ħareġ l-att li hemm riferiment għalih fid-deċiżjoni li hija s-suġġett tal-imsemmi appell.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-fatt li l-organu tar-rinviju ma jikkostitwixxix "qorti jew tribunal", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, ma jeżentahx mill-obbligu li jiżgura l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni waqt l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu, billi ma japplikax, fejn xieraq, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jidhru kuntrarji għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li għandhom effett dirett. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' rimedji ġudizzjarji kontra d-deċiżjonijiet tal-organu tar-rinviju tippermetti li tiġi żgurata l-effettività tal-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, peress li l-qrati nazzjonali għandhom il-fakultà jew huma, fejn xieraq, obbligati li jressqu talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja meta deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni jew dwar il-validità tad-dritt tal-Unjoni tkun neċessarja sabiex jagħtu s-sentenza tagħhom.